MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2012

Numru. 1084/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**
**VS**
**CARMEL SCIBERRAS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Carmel Sciberras, bin Albert u Carmela nee' Fenech, mwieled Pieta' fis- 27 ta' Mejju 1964, residenti Arc- En-Ciel, Triq San Pawl, Naxxar u detentur tal- Karta tal-Identita' bin- numru 290164M ;

Talli;

1) fit- 30 ta' Gunju 2011 f' tal- Handaq, limiti ta' Hal-Qormi ghal habta tas- 13.30hrs, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara fuq

truck tal- marka Leyland bin- numru tar- registrazzjoni ABI 456 ghad- dannu ta’ Nigel Calleja mill- Mosta, liema hsara tiskorri €116.47 izda mhux €116.47 izda mhux €1,164.69;

2) ukoll talli fl- istess hin, jum, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il- bon ordni u l- kwiet pubbliku bl-ghajjat u glied;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat ghandu negozju ta’ *mechanic* gewwa z-zona industrijali Tal-Handaq. Fid-data u l-hin indikati, waqaf vann ta’ kumpanija ohra quddiem il-garaxx tieghu, sabiex dan il-vann jiddahhal minflok vettura ohra tal-istess kumpanija. L-imputat ried johrog vann minn tieghu, u peress illi ma kienx hemm wisa’ bizzejjed biex jimmanuvra l-vettura, beda jross mal-vann tal-kumpanija msemmija, u ghamel hsara fih. Ghalhekk sar rapport lill-Pulizija, u tmexxiet l-azzjoni kriminali kontra tieghu.

Mil-provi prodotti, l-imputat ma nnegax li laqat il-vann ta’ Nigel Calleja, izda qal li laqtu bi zball u mhux deliberatament, u qal ukoll li l-hsara li kkaguna kienet biss fil-fanal. Calleja xehed u qal li l-imputat deliberatament rass mal-vann tieghu biex imbuttah ftit lura minn fejn kien. Mir-ritratti esebiti, il-hsara fil-vann ta’ Calleja, ghalkemm ma hijiex wahda konsiderevoli, izda tidher li saret b’forza u mhux biss bi zball. Fi kwalunkwe kaz, kienetx volontarja jew le, huwa l-imputat li kkaguna dik il-hsara, allura ghandu jirrifondi l-ammont ta’ hsara kkagunata minnu. Il-Qorti hi aktar propensa temmen il-verzjoni ta’ Calleja minn dik tal-imputat, li xehed in difesa, u ammetta li laqat il-vann ta’ Calleja izda qal li laqtu involontarjament. Il-Qorti ghalhekk qed issibu hati ta’ hsara volontarja, u sejra

tordna l-hlas tad-danni kkagunati minnu. Kwantu ghall-ksur ta’ buon ordni u paci pubblika, din ma gietx ippruvata, u l-Qorti ghalhekk ser tillibera lill-imputat min dik l-akkuza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 325(b) u 338(bb) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti issib lill- imputat hati tal- ewwel (1) akkuza u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ hames mija w hamsa w disghin ewro u disghin centezmu (€595.90) ai terminu tal- Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni, u ghaldaqstant tilliberah minnha.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------